MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2017

Rikors Maħluf numru: 49/15LM

**L-Inġinier Carmel Cuschieri (K.I. 661556M) eżerċitanti l-professjoni ta' inġinjier taħt l-isem "Camilleri & Cuschieri"**

***vs.***

**Malta Planning & Design Consultants Ltd. (C 20387) u b'digriet tal-1 ta' Marzu, 2017 ġie msejjaħ fil-kawża l-Perit Stephen Farrugia**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Inġinier Carmel Cuschieri** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fl-20 ta' Jannar, 2015, li jgħid:

*1. Illi r-rikorrenti jeżerċita l-professjoni ta' inġinier taħt l-isem "Camilleri & Cuschieri";*

*2. Illi r-rikorrenti għandu jieħu mingħand is-soċjetà intimata s-somma ta' Euro 26,363.30 rappreżentanti bilanċ ta' drittijiet u spejjeż dovuti għal u in konnessjoni ma' servizzi professjonali u ta' konsulenza forniti mir-rikorrenti lill-intimata (ara Dok A sa Dok G);*

*3. Illi minkejja li r-rikorrenti interpella lill-intimata biex tħallas permezz ta' ittra bonarja tad-29 ta' April, 2014 u ta' żewġ ittri uffiċjali tas-27 ta' Mejju, 2014 u tat-12 ta' Settembru, 2014, din baqgħet ma ħallsitx;*

*4. Illi r-rikorrenti jaf bil-fatti fuq dikjarati personalment.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett, previa d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija:*

*1. tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 26,363.30 rappreżentanti bilanċ ta' drittijiet u spejjeż dovuti għal u in konnessjoni ma' servizzi professjonali u ta' konsulenza forniti mir-rikorrenti lill-intimata.*

*Bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' April, 2014 u tal-ittri uffijċali tas-27 ta' Mejju, 2014 u tat-12 ta' Settembru, 2014.*

*L-intimata hija inġunta biex tidher in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Malta Planning & Design Consultants Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") maħlufa mill-Perit Stephen Farrugia u ppreżentata fit-13 ta' Frar, 2015, fejn ġie eċċepit:

1. *Illi is-servizzi reżi mir-rikorrenti, kienu diretti lejn proġett li fuqu l-intimat jaġixxi ta' konsulent u service provider, u għaldaqstant kwalsiasi xogħol jew*

*servizzi reżi mir-rikorrenti sar għall-benefiċċju tal-istess proġett u mhux għall-intimat. Għaldaqstant l-intimat mhuwiex il-leġittimu kontradittur;*

2. *Illi subordinatament kwlasiasi inkarigu mogħti lir-rikorrent dejjem ingħata bl-intiża li l-istess servizzi jitħallsu meta l-permessi fuq l-istess sit jiġu approvati u mhux qabel, kif del resto ser jitħallas l-intimat għas-servizzi reżi minnu;*

3. *Illi in vista tat-tieni eċċezzjoni, huwa għaldaqstant ovvju illi jekk ir-rikorrent jinsisti fuq it-talbiet tiegħu hekk kif dedotti, it-talbiet huma preskritti u dan a tenur tal-artikolu 2149(ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota tal-attur ippreżentata fit-28 ta' Settembru 2016, li biha ddikjara li fil-mori tal-kawża saru pagamenti akkont li jġibu total ta' €4,300 u li dawn ġew imputati lill-imgħax skont il-liġi.[1]

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mill-attur.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2017 fejn il-partijiet qablu li jiġi msejjaħ fil-kawża l-**Perit Stephen Farrugia**, u d-digriet ta' din il-Qorti li laqgħet it-talba wara li rat l-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[1] Dawn il-pagamenti saru mis-17 ta' Frar 2016 sas-26 ta' Mejju 2016 skont Dok. R esebit *a fol.* 61 tal-proċess biex l-imgħax mit-18.08.2010 sas-17.09.2016 niżel minn €12,830.13 għal €8,530.13, waqt li s-sorte baqa' €26,363.30.

Rat il-verbal tal-istess udjenza tal-1 ta' Marzu, 2017 fejn il-partijiet ċjoè l-attur, u l-Perit Stephen Farrugia fil-kwalità tiegħu in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta kif ukoll fil-kwalità tiegħu personali bħala kjamat in kawża, qablu li t-talba tas-sorte hija tlieta u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u sittin euro u tletin centeżmu (€23,363.30) u li l-imgħax jibda jiddekorri mil-lum fuq din is-somma u li s-soċjetà konvenuta u l-kjamat fil-kawża qegħdin jammettu din it-talba u jaqblu li l-imsemmija somma titħallas solidament bejniethom fi żmien sitt xhur mil-lum. Il-partijiet talbu fl-istess udjenza li tingħata sentenza f'dan is-sens u din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti in vista tat-transazzjoni milħuqa bejn il-partijiet u tal-ammissjoni tas-soċjetà konvenuta u tal-kjamat in kawża, qiegħda tilqa' t-talba tal-attur b'dan li tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Malta Planning & Design Consultants Ltd. u lill-kjamat in kawża l-Perit Stephen Farrugia *in solidum* iħallsu lill-istess attur is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, tliet mija u tlieta u sittin euro u tletin centeżmu (€23,363.30), bl-imgħax dekorribbli mill-1 ta' Marzu, 2017, fi żmien sitt xhur mill-1 ta' Marzu, 2017. Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà konvenuta u kontra l-kjamat in kawża *in solidum.***

Moqrija.